*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,746, 24 ta' Marzu, 2005*
*Taqsima B*

**A.L. 84 ta' l-2005**

## ATT DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR (KAP. 378)

### Regolamenti ta' l-2005 dwar Kreditu lill-Konsumatur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, il-Ministru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur, għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 dwar Kreditu lill-Konsumatur.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-affarijiet tal-konsumatur jista' jistabbilixxi permezz ta' avviż fil-Gazzetta, iżda jistgħu jiġu stabbiliti dati differenti għal disposizzjonijiet jew għal għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

**2.** (1) Kull referenza f'dawn ir-regolamenti għal "l-Att" hija referenza għall-Att dwar L-Affarijiet tal-Konsumatur u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 2 ta' l-Att għandhom japplikaw għal dawn ir-regolamenti.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra-

"ftehim ta' kreditu" tfisser ftehim li bih kreditur jagħti jew iwiegħed li jagħti lil konsumatur kreditu f'forma ta' ħlas bin-nifs, self jew akkomodazzjoni finanzjarja simili oħra:

Iżda ftehim għall-provvista fuq bażi kontinwa ta' servizz jew ta' utilità kemm privati kemm pubbliċi, meta l-konsumatur għandu d-dritt iħallas għalihom, għal kemm itul il-forniment tagħhom, permezz ta' ħlasijiet perjodiċi, ma jitqisux bħala ftehim ta' kreditu għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"ftehim għal self għal dar" tfisser ftehim ta' kreditu li bih il-konsumatur jista' jixtri, jibni mill-ġdid, jagħmel tibdiliet jew itejjeb

proprjetà immobbli għar-residenza tiegħu nnifsu jew dik tad-dipendenti tiegħu u li hi garantita jew b'ipoteka jew b'titolu simili, ikun kif ikun deskritt, fuq il-proprjetà immobbli, jew b'garanzija;

"intermedjarju tal-kreditu" tfisser persuna naturali jew ġuridika li, għal korrispettiv, taġixxi abitwalment ta' intermedjarju billi tippreżenta jew toffri ftehim ta' kreditu;

"kreditur" tfisser negozjant, jew grupp ta' negozjanti, li jagħti kreditu fil-kors tal-kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni tiegħu in konnessjoni mal-forniment ta' oġġetti jew servizzi lill-konsumatur, jew in konnessjoni ma' xi ftehim ta' kreditu għal xiri ta' dar;

"rata perċentwali annwali ta' ħlas" tfisser l-ispiża totali tal-kreditu lill-konsumatur espressa bħala perċentwali annwali ta' l-ammont tal-kreditu mogħti u kalkulata skond ir-regolament 6;

"spiża totali tal-kreditu għall-konsumatur" tfisser l-ispejjeż kollha, inklużi mgħaxijiet u kull xort'oħra ta' ħlas, ikun kif ikun imsejjaħ u irrispettivament lil min isir dak il-ħlas, li l-konsumatur għandu jħallas għall-kreditu.

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fi ftehim ta' kreditu.

**3.** (1) Kull ftehim ta' kreditu għandu, f'kull każ, isir bil-miktub u għandu jkun iffirmat mill-kreditur u mill-konsumatur.

(2) Il-kreditur ikun obbligat jagħti lill-konsumatur kopja ta' dan il-ftehim bil-miktub fi żmien għaxart ijiem utili mill-iffirmar tal-ftehim.

(3) Il-ftehim bil-miktub għandu jkun fih dan li ġej:

(a) dikjarazzjoni tar-rata perċentwali annwali ta' ħlas flimkien mad-dikjarazzjoni dwar il-kondizzjonijiet li taħthom ir-rata perċentwali annwali ta' ħlas tista' tkun emendata:

Iżda fil-każijiet fejn ikun oġġettivament impossibbli li tkun dikjarata r-rata perċentwali annwali ta' ħlas, il-konsumatur għandu jingħata informazzjoni adegwata fil-ftehim bil-miktub, liema informazzjoni għandha tkun tinkludi l-partikolaritajiet elenkati fir-regolament 4(1);

(b) dikjarazzjoni ta' l-ammont, l-għadd u l-frekwenza jew id-dati tal-pagamenti li l-konsumatur għandu jagħmel biex iħallas lura l-kreditu, il-pagamenti għal mgħaxijiet jew ħlasijiet oħra, kif ukoll l-ammont totali ta' dawk il-pagamenti;

(ċ) dikjarazzjoni tal-partita ta' l-ispejjeż imsemmija fir-regolament 6 (2), bl-eċċezzjoni ta' spejjeż relatati mal-ksur ta' obbligazzjonijiet kontrattwali li ma kinux inklużi fil-kalkolu tar-rata perċentwali annwali ta' ħlas iżda li għandhom jiġu mħallsa mill-konsumatur f'ċirkostanzi partikolari flimkien ma' dikjarazzjoni li tidentifika tali ċirkostanzi. Meta l-ammont eżatt ta' dawk l-ispejjeż ikun magħruf, dik is-somma għandha tiġi indikata; jekk l-ammont ma jkunx magħruf, għandhom jiġu provduti jew metodu ta' kalkolu jew inkella stima kemm jista' jkun preċiża.

(4) Il-ftehim bil-miktub għandu wkoll jinkorpora l-pattijiet l-oħra tal-kuntratt, inklużi dawk elenkati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Informazzjoni li għandha tingħata lill-konsumatur qabel jew waqt il-ftehim.

**4.** (1) Minkejja l-esklużjoni mogħtija fir-regolament 7(1)(e), meta jkun hemm ftehim bejn istituzzjoni ta' kreditu u konsumatur biex jingħata kreditu f'forma ta' avvanz fuq kont korrenti minbarra fuq kontijiet ta' karti tal-kreditu, il-konsumatur għandu jkun informat bil-miktub fil-waqt li jkun qiegħed isir jew qabel ma jsir il-ftehim:

(a) bil-limitu ta' kreditu, jekk ikun hemm;

(b) bir-rata annwali ta' mgħax u l-ispejjeż applikabbli minn mindu jsir il-ftehim u l-kondizzjonijiet li taħthom dawn jistgħu jkunu emendati;

(ċ) bil-proċedura għat-terminazzjoni tal-ftehim.

(2) Tul il-perjodu tal-ftehim ta' kreditu, il-konsumatur għandu jkun informat b'kull bidla fir-rata annwali ta' mgħax jew fil-ħlasijiet rilevanti malli din issir. Tali informazzjoni għandha tingħata f'dikjarazzjoni tal-kont jew permezz ta' stqarrija għall-istampa jew b'riklam jew b'avviż li jiġi espost fil-post tan-negozju tal-kreditur jew b'kull mod ieħor li d-Direttur jista' jordna permezz t'avviż fil-Gazzetta.

(3) Fil-każ ta' *overdrafts* li jiġu permessi taċitament, meta l-*overdraft* ittul għal iktar minn tliet xhur, il-konsumatur għandu jkun informat bil-miktub mill-kreditur bir-rata ta' mgħax annwali u b'kull spiża oħra li tista' tkun tapplika.

Ftehim ta' self għal dar.

**5.** (1) Qabel il-konklużjoni ta' ftehim għal self għal dar, il-kreditur hu obbligat li jagħti lill-konsumatur l-informazzjoni ġenerali pre-kontrattwali elenkata fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, flimkien mal-formola ta' informazzjoni *standard*

personalizzata, debitament mimlija fil-format li hemm fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) F'kull ftehim għal self għal dar, il-kreditur hu obbligat jissodisfa dawn il-ħtiġijiet addizzjonali li ġejjin rigward il-forma u l-kontenut ta' dan il-ftehim;

(a) id-dritt tal-konsumatur li jitlob riduzzjoni taħt ir-regolament 9 jekk iħallas il-kreditu qabel iż-żmien dovut;

(b) deskrizzjoni ċara tal-garanzija mogħtija lill-kreditur;

(ċ) dikjarazzjoni ċara ta' l-ispejjez pagabbli mill-konsumatur fil-każ ta' ksur ta' l-obbligazzjonijiet kontrattwali tiegħu taħt il-ftehim;

(d) dikjarazzjoni ċara tal-ħlasijiet, jekk ikun hemm, pagabbli mill-konsumatur għal ftehim għal self għal dar fir-rigward tal-preżentata, l-approvazzjoni jew ir-rifjut ta' applikazzjoni għal self bħal dak, l-istima tas-sigurtà mogħtija u l-ispejjeż ta' servizzi legali pagabbli lill-kreditur f'konnessjoni mas-self.

Kalkolu tar-rata perċentwali annwali ta' spejjeż .

**6.** (1) Ir-rata perċentwali annwali ta' spejjeż għandha tkun dik ir-rata ekwivalenti fuq bażi annwali li tkun ugwali għall-valur preżenti ta' kull obbligazzjoni (self, rimborżi u spejjeż), futuri jew eżistenti, miftehmin bejn il-kreditur u l-konsumatur, u għandha tkun ikkalkolata skond il-formola matematika li hemm fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Biex jiġi spjegat dan, qegħdin jingħataw erba' eżempji tal-metodu ta' kalkolu fil-ħames Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Għall-finijiet tal-kalkolu tar-rata perċentwali annwali ta' spejjeż u ta' kull "spiża totali tal-kreditu għall-konsumatur" kif imfissra fir-regolament 2, ma għandhomx jitqiesu ebda spejjeż jew nefqiet minn dawn li ġejjin:

(a) spejjeż pagabbli mill-konsumatur talli ma jonorax xi waħda mill-obbligazzjonijiet tiegħu mniżżlin fil-ftehim ta' kreditu;

(b) spejjeż minbarra l-prezz tax-xiri li, fix-xiri ta' oġġetti jew servizzi, il-konsumatur ikun obbligat iħallas kemm jekk it-tranżazzjoni titħallas bi flus kontanti kemm jekk bi kreditu;

(ċ) spejjeż għat-trasferiment ta' fondi u spejjeż għaż-żamma ta' kont maħsub biex jidħlu fih ir-rimborżi tal-kreditu, il-ħlas ta' mgħax u spejjeż oħra, minbarra meta l-konsumatur ma jkollux

libertà raġonevoli li jagħżel fil-materja u meta dawk l-ispejjeż ikunu għoljin b'mod mhux normali:

Iżda dan il-paragrafu ma japplikax għal spejjeż rigwardanti l-ġbir ta' dawk ir-rimborżi jew pagamenti, kemm jekk dawn isiru fi flus kontanti kemm xort'oħra;

(d) ħlasijiet għal sħubija ma' assoċjazzjonijiet jew gruppi, u li jirriżultaw minn pattijiet ta' ftehim separati mill-ftehim ta' kreditu, anki jekk dawk il-ħlasijiet għal sħubija jkollhom effett fuq il-pattijiet tal-kreditu; u

(e) spejjeż ta' assigurazzjoni jew garanzija:

Iżda għandhom jiġu inklużi dawk l-ispejjeż maħsuba sabiex isir il-ħlas lill-kreditur, ta' somma ugwali għall-ammont totali tal-kreditu, jew inqas minnha, flimkien ma' kull mgħax rilevanti u spejjeż oħra li għandhom jiġu imposti mill-kreditur bħala kondizzjoni għall-għoti tal-kreditu, f'każ ta' mewt, invalidità, mard jew qgħad tal-konsumatur;

(f) f'każ ta' ftehim għal self għal dar, dawk l-ispejjeż pagabbli mill-konsumatur lil terzi li ma humiex il-kreditur;

(ġ) dawk l-ispejjeż pagabbli mill-konsumatur lill-kreditur biss meta:

(i) il-kreditu offrut mhux utilizzat kollu kemm hu jew f'parti minnu,

(ii) il-konsumatur jitlob tibdil ta' kif għandhom isiru l-ħlasijiet u l-kreditur jaċċetta dik it-talba, jew

(iii) il-konsumatur jeżerċita d-drittijiet tiegħu taħt regolament 9 ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Ir-rata perċentwali ta' spejjeż annwali għandha tiġi kalkolata:

(a) immedjatament qabel ma jsir il-kuntratt tal-kreditu, u dan bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 11 dwar reklamar u offerti speċjali;

(b) fuq il-preżunzjoni li l-ftehim ta' kreditu huwa validu għall-perjodu miftiehem u li l-kreditur u l-konsumatur jissodisfaw

l-obbligazzjonijiet tagħhom taħt dawk il-pattijiet u sad-dati miftehma.

(4) Fil-każ ta' ftehim ta' kreditu li fihom klawsoli li jippermettu varjazzjonijiet fir-rata ta' l-imgħax u fl-ammont jew livell ta' spejjeż oħra inklużi fir-rata perċentwali annwali ta' spejjeż iżda mhux kwantifikabbli meta tkun qed tiġi kalkolata ir-rata perċentwali annwali ta' l-ispejjeż, għandha tiġi kalkolata fuq il-preżunzjoni li dak l-imgħax u spejjeż oħra jibqgħu fissi u japplikaw sa tmiem il-ftehim ta' kreditu.

(5) Meta jkun meħtieġ, jistgħu jsiru l-preżunzjonijiet li ġejjin fil-kalkolu tar-rata perċentwali annwali ta' l-ispejjeż:

(a) jekk il-kuntratt ma jispeċifikax limitu ta' kreditu, l-ammont ta' kreditu mogħti għandu jitqies li jkun ta' tmien mitt (800) Lira Maltija jew dak l-ammont inqas kif jista' jiġi stabbilit mid-Direttur wara konsultazzjoni mal-Kunsill;

(b) jekk ma jkun hemm ebda skeda fissa għal meta jsiru l-ħlasijiet lura, u din l-iskeda fissa ma tkunx tista' tiġi dedotta mill-pattijiet tal-ftehim u mill-mod kif isir il-ħlas lura tal-kreditu mogħti, it-tul ta' żmien tal-kreditu għandu jitqies li jkun ta' sena;

(ċ) sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, meta l-ftehim ikun jipprovdi għal aktar minn data waħda meta jsir il-ħlas lura, il-kreditu jsir disponibbli fl-iqsar żmien stipulat fil-ftehim u r-rimborżi jibdew isiru fl-aktar data bikrija stipulata fil-ftehim.

Meta r-regolamenti ma japplikawx.

**7.** (1) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal:

(a) pattijiet ta' ftehim ta' kiri salv meta dawn jipprovdu li t-titolu fl-aħħar jgħaddi għal għand il-kerrej;

(b) pattijiet ta' ftehim ta' kiri meta t-titolu jgħaddi għal għand il-kerrej unikament fid-diskrezzjoni tal-kerrej;

(ċ) kreditu mogħti jew magħmul disponibbli mingħajr ħlas ta' mgħax jew spejjeż oħra;

(d) ftehim ta' kreditu li ma jiġġenera ebda mgħax sakemm il-konsumatur ma jiftiehemx li jħallas lura l-kreditu f'pagament wieħed;

(e) kreditu fil-forma ta' avvanzi fuq kont kurrenti mogħti minn istituzzjoni ta' kreditu minbarra fuq kontijiet ta' karti ta' kreditu:

Iżda d-disposizzjonijiet tar-regolament 4 għandhom f'kull każ japplikaw għal dawk il-krediti;

(f) kull ftehim ta' kreditu għal self għal dar meta l-ammont ikun aktar minn tmenin elf (80,000) Lira Maltija;

(ġ) kull ftehim ta' kreditu ieħor li jinvolvi ammonti ta' inqas minn sebgħa u tmenin (87) Lira Maltija jew aktar minn tmint elef u seba' mitt (8,700) Lira Maltija;

(2) Il-Ministru jista', filwaqt li jaġixxi bil-parir tad-Direttur, b'Ordni fil-Gazzetta jeżenta mill-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti ċerti tipi ta' kreditu li jissodisfaw dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) meta jingħataw b'rati ta' spejjeż inqas minn dawk prevalenti fis-suq; u

(b) meta ma jkunux offruti lill-pubbliku b'mod ġenerali.

Teħid lura ta' oġġetti.

**8.** (1) Meta kreditur fi ftehim ta' kreditu dwar il-forniment ta' oġġetti jirriserva d-dritt li jieħu lura l-oġġetti kemm-il darba l-konsumatur jonqos milli jħallas il-prezz dovut, dak id-dritt kontrattwali ta' teħid lura ta' oġġetti, għandu biss jiġi eżerċitat jekk jiġi miftiehem b'mod espliċitu bil-miktub mill-konsumatur u kull disposizzjoni fil-ftehim li biha l-konsumatur jeżenta lill-kreditur mill-obbligu ta' proċeduri ġudizzjarji għat-teħid lura ta' dawk l-oġġetti jew li bihom il-konsumatur xort'oħra jċedi d-dritt għal proċeduri ġudizzjarji dwar dak it-teħid lura ta' oġġetti, tkun nulla u bla effett:

Iżda minkejja dak kollu li jista' jkun hemm fil-ftehim ta' kreditu, il-Qorti ma għandhiex tħalli lil kreditur jeżerċita d-dritt li jieħu lura l-oġġetti meta l-konsumatur ikun diġà ħallas sebgħin (70) fil-mija ta' l-ammont totali tal-kreditu li kellu jitħallas taħt il-ftehim jew meta l-Qorti tqis li kemm-il darba tawtorizza t-teħid lura ta' oġġetti, dan jirriżulta fi qliegħ mhux ġustifikat.

(2) Meta, skond id-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-regolament, negozjant jew kreditur, skond il-każ, ikun irid jieħu pussess lura ta' xi oġġett mingħand konsumatur b'riżultat ta' ksur allegat tal-ftehim ta' kreditu, huwa għandu l-ewwelnett jibgħat avviż lill-konsumatur b'ittra reġistrata, li tintbagħat fl-aħħar indirizz magħruf tiegħu, fejn jispeċifika dan li ġej:

(a) id-dettalji tal-ftehim ta' kreditu;

(b) l-isem sħiħ u l-indirizz tal-kreditur;

(ċ) ix-xorta tal-ksur allegat tal-ftehim;

(d) informazzjoni dwar x'jiġri jekk il-konsumatur jonqos milli jikkonforma ruħu mat-talba msemmija fl-avviż, u

(e) kif u meta l-ksur ikun jista' jiġi msewwi, sakemm il-konsumatur f'kull każ ikollu mill-inqas ħmistax (15)-il ġurnata mid-data meta jirċievi l-avviż biex isewwi dak il-ksur.

(3) It-tentattiv li jittieħdu lura oġġetti b'mod li ma jsirx skond dan ir-regolament, jikkostitwixxi ksur ta' dawn ir-regolamenti.

(4) Id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament japplikaw ukoll meta l-ftehim li bih il-konsumatur jakkwista l-oġġetti, jiġi deskritt bħala wieħed ta' *hire-purchase* jew xort'oħra b'riserva tal-proprjetà.

Dritt li jitħallas kreditu qabel ma dan ikun dovut.

**9.** (1) Il-konsumatur ikollu dritt iwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu taħt ftehim ta' kreditu għal kollox jew f'parti qabel iż-żmien stabbilit fil-ftehim.

(2) Meta l-konsumatur iħallas il-kreditu qabel iż-żmien stabbilit fil-ftehim, huwa jkollu dritt għal tnaqqis proporzjonali ta' l-ispiża totali tal-kreditu.

(3) Jekk l-ispejjeż li jirriżultaw direttament mill-ftehim ta' kreditu kienu ġew speċifikati fil-ftehim u dawk l-ispejjeż ikunu ġusti u raġonevoli fil-qjies taċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, il-kreditur jista' jirkupra dawk l-ispejjeż mingħand konsumatur li jkun eżerċita d-dritt tiegħu taħt is-subregolament (1):

Iżda l-kreditur għandu jinforma lill-konsumatur liema spejjeż ikun se jinkorri jekk iħallas il-kreditu qabel iż-żmien stabbilit:

Iżda wkoll meta dawk l-ispejjeż ma jkunux jistgħu jiġu stabbiliti, meta jiġi ffirmat il-ftehim ta' kreditu, il-kreditur għandu jinforma lill-konsumatur bil-metodu ta' kalkolu li għandu jintuża sabiex jiġu stabbiliti dawk l-ispejjeż.

Assenjament ta' drittijiet u tpaċija.

**10.** Meta d-drittijiet tal-kreditur taħt ftehim ta' kreditu jiġu assenjati lil terzi, il-konsumatur ikun intitolat li jġib kontra dawk it-terzi kull difiża li seta' kellu kontra l-kreditur oriġinali:

Iżda tpaċija tista' titqajjem biss skond id-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-artikoli 1196 sa 1204 tal-Kodiċi Ċivili, li għandhom japplikaw minkejja kull disposizzjoni kuntrarja li jkun hemm fil-ftehim ta' kreditu.

**11.** Mingħajr preġudizzju għall-artikoli 48 sa 50 ta' l-Att, kull riklam jew offerta murija f'xi post tan-negozju fejn persuna toffri kreditu jew toffri biex tagħmel arranġamenti għal xi ftehim ta' kreditu li fih tkun indikata rata ta' mgħax jew ċifri relatati ma' l-ispiża tal-kreditu, għandu wkoll jinkludi dikjarazzjoni ċara tar-rata perċentwali annwali ta' spiża, permezz ta' eżempju rappreżentattiv jekk ma jkunux jistgħu jintużaw mezzi oħrajn b'mod prattiku. Reklamar.

**12.** Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data,* informazzjoni personali miksuba minn konsumatur jew minn xi persuna oħra f'konnessjoni mal-konklużjoni u t-tħaddim ta' xi ftehim ta' kreditu tista' tkun biss ipproċessata għall-finijiet ta' valutazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-konsumatur jew ta' xi tali persuna oħra u kemm dawn ikunu jistgħu jħallsu lura l-kreditu. Ġbir u pproċessar ta' informazzjoni.

**13.** (1) Il-ftehim ta' kreditu ma għandux jolqot ħazin id-drittijiet tal-konsumatur kontra l-fornitur li jkun forna l-oġġetti jew ipprovda s-servizzi mixtrija b'dak il-ftehim meta dawk l-oġġetti jew servizzi ma jiġux provduti jew ma jkunux skond il-kuntratt li jirregola l-forniment tagħhom li jkun sar bejn il-konsumatur u l-fornitur. Ħarsien tad-drittijiet tal-konsumatur.

(2) Konsumatur ikollu dritt għal azzjoni kontra min jagħti kreditu għat-twettiq tat-talba tiegħu meta -

(a) bil-għan li jixtri oġġetti jew jieħu servizzi, il-konsumatur jidħol fi ftehim ta' kreditu ma' kreditur li ma jkunx il-fornitur ta' dawk l-oġġetti jew servizzi;

(b) min jagħti l-kreditu u l-fornitur ta' l-oġġetti jew servizzi ikollhom ftehim li jkun sar minn qabel li bih kreditu jsir esklużivament disponibbli minn dak li jagħti kreditu lil-klijenti ta' dak il-fornitur għall-akkwist ta' oġġetti jew servizzi mingħand dak il-fornitur;

(ċ) il-konsumatur imsemmi fil-paragrafu (a) jingħata l-kreditu tiegħu taħt dak il-ftehim li jkun sar minn qabel;

(d) l-oġġetti jew is-servizzi li jaqgħu taħt il-ftehim ta' kreditu ma jiġux fornuti, jew ikunu fornuti biss f'parti minnhom, jew inkella ma jkunux skond il-kuntratt għall-provista tagħhom, u

(e) il-konsumatur ikun fittex lill-fornitur għar-rimedji iżda ma jirnexxilux jikseb, għal kollox jew f'parti, ir-rimedju li jkollu dritt għalih.

Responsabbilità tal-kredituri.

**14.** Kull kreditur għandu jagħmel dak kollu neċessarju sabiex jara li dawn ir-regolamenti jiġu mħarsa għal kollox.

Projbizzjoni ta' *marketing* għal persuni taħt l-età ta' 16-il sena.

**15.** Il-kreditur jew kull persuna oħra, ma għandhiex tfittex li tagħmel ftehim ta' kreditu ma' persuna li taf, jew li miċ-ċirkostanzi għandha tkun taf, li ma tkunx għalqet is-sittax (16) -il sena, jew tibgħat lil din il-persuna xi dokument li bih toffrilha kreditu jew informazzjoni jew parir dwar kif jinkiseb il-kreditu.

Infurzar, sorveljanza u lmenti.

**16.** (1) Id-Direttur għandu jsegwi t-tħaddim u l-effettività ta' dawn ir-regolamenti u jieħu dawk il-miżuri neċessarji li jkunu jinkludu, fejn ikun hemm bżonn, il-bidu ta' proċedimenti legali biex tiġi żgurata l-osservanza ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Id-Direttur għandu jżomm kontroll kontinwu fuq l-għoti ta' kreditu lill- konsumaturi in konnessjoni mal-provista ta' oġġetti jew servizzi, u għandu jinvestiga lmenti minn konsumaturi li jirriżultaw minn, jew li huma konnessi ma' ftehim ta' kreditu, u għandu minn żmien għal żmien jipprovdi informazzjoni rilevanti u jagħti parir lill-konsumaturi b'kull mod li jqis li jkun adatt.

Dawn ir-regolamenti għandhom jipprevalu.

**17.** Id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jipprevalu u japplikaw minkejja kull ħaġa kuntrarja li jkun hemm f'xi ftehim ta' kreditu, ikun kif ikun deskritt, li jsir mill-konsumatur. Kull rinunzja mill-konsumatur ta' xi wieħed mid-drittijiet tiegħu taħt dawn ir-regolamenti tkun nulla u bla effett.

Reati.

**18.** (1) Kull persuna li tikser jew tonqos milli tħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

(2) Proċeduri fir-rigward ta' xi reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom jinbdew fi żmien sena minn meta jsir ir-reat.

(3) Kull persuna li tinsab ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti, tista' meta tinsab ħatja teħel -

(a) fil-każ ta' l-ewwel kundanna, multa ta' mhux anqas minn mitejn (200) Lira Maltija u mhux iżjed minn elf (1,000) Lira Maltija;

(b) fil-każ tat-tieni kundanna jew kundanni oħra, multa ta' mhux anqas minn erba' mitt (400) Lira Maltija u mhux iżjed minn elfejn (2,000) Lira Maltija; u l-Qorti tista', fil-każ ta' persuna li jkollha t-tieni kundanna jew kundanni oħra u skond ma hemm fl-artikolu 107 ta' l-Att, tordna l-pubblikazzjoni tas-sentenza mogħtija

lill-ħati f’xi ġurnal jew iktar ġurnali ta’ kuljum, jew dikjarazzjoni dwar jew sommarju ta’ dik is-sentenza:

Iżda l-ispejjeż ta’ dik il-publikazzjoni għandhom jitħallsu mill-persuna misjuba ħatja skond dan ir-regolament.

(4) Kull proċedura meħuda taħt dawn ir-regolamenti għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-konsumatur li jieħu xi azzjoni biex jitlob kumpens minħabba f’xi telf jew ħsarat li seta’ ġarrab b’riżultat tal-kontravenzjoni ta’ dawn ir-regolamenti.

**19.** L-għan ta’ dawn ir-regolamenti huwa li in parti jittrasponu d-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE tat-22 ta’ Diċembru, 1986, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 90/88/KEE u kif ukoll emendata bid-Direttiva tal-Kunsill Ewropew 98/7/KE tas-16 ta’ Frar, 1998, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi ta’ l-Istati Membri dwar il-kreditu lill-konsumaturi, u dawn ir-regolamenti għandhom jiġu applikati u interpretati skond dik id-Direttiva. Għan.

## L-EWWEL SKEDA

Regolament 3(4)

1. F'kull ftehim ta’ kreditu ghall-iffinanzjar tal-forniment ta’ oggetti jew servizzi partikolari:

(i) deskrizzjoni ta’ l-oggetti jew servizzi koperti bil-ftehim;

(ii) il-prezz fi flus kontanti u l-prezz pagabbli taht il-ftehim ta’ kreditu;

(iii) l-ammont tad-depozitu, jekk ikun hemm, l-ghadd u l-ammont ta’ hlasijiet akkont u d-dati li fihom jiskadu, jew il-metodu ta’ kif ikun accertat xi wiehed minn dawn jekk ma jkunx maghruf fil-hin meta jsir il-ftehim;

(iv) indikazzjoni li l-konsumatur ikollu d-dritt, kif provdut fir-regolament 9, ghal tnaqqis jekk huwa jhallas lura qabel l-iskadenza;

(v) min ikun il-proprjetarju ta’ l-oggetti (jekk il-proprjetà ma tghaddix immedjatament ghal ghand il-konsumatur) u l-pattijiet li bihom il-konsumatur isir il-proprjetarju tà dawk l-oggetti;

(vi) deskrizzjoni tal-garanzija mehtiega, jekk ikun il-kaz;

(vii) il-perjodu, jekk ikun hemm, li matulu konsumatur jista' jerga lura minn ftehim ta' kreditu minghajr ma jinkorri ebda hlas jew penali, tkun kif tkun din deskritta;

(viii) indikazzjoni cara ta’ l-assigurazzjoni mehtiega, jekk ikun il-kaz, u, meta l-ghazla ta’ l-assiguratur ma tithalliex f’idejn il-konsumatur, indikazzjoni cara ta’ l-ispiza taghha; u

(ix) l-obbligazzjoni li l-konsumatur ifaddal ammont tà flus li jitqieghed f’kont specjali.

2. F’kull ftehim ta’ kreditu operat b’karti ta’ kreditu:

(i) l-ammont tal-limitu ta’ kreditu, jekk ikun hemm;

(ii) il-pattijiet tar-rimborz jew il-mezz kif dawk il-pattijiet ikunu stabbiliti;

(iii) il-perjodu, jekk ikun hemm, li matulu konsumatur jista' jerga lura minn ftehim ta' kreditu minghajr ma jinkorri xi hlas jew penali, tkun kif tkun din deskritta;.

3. F’kull ftehim ta’ kreditu, imhaddem b’kont kurrenti, li m’humiex xort’ ohra koperti minn dawn ir-regolamenti:

(i) l-ammont tal-limitu ta’ kreditu, jekk ikun hemm, jew il-metodu kif dan ikun stabbilit;

(ii) il-pattijiet ta’ uzu u rimborz;

(iii) il-perjodu, jekk ikun hemm, li matulu konsumatur jista' jerga lura minn ftehim ta' kreditu minghajr ma jinkorri ebda hlas jew penali, tkun kif tkun din deskritta.

4. F'kull ftehim ta’ kreditu iehor li jaqa’ taht dawn ir-regolamenti:

(i) l-ammont tal-limitu ta’ kreditu, jekk ikun hemm;

(ii) indikazzjoni tal-garanzija mehtiega, jekk ikun hemm;

(iii) il-pattijiet tar-rimborz;

(iv) il-perjodu, jekk ikun hemm, li matulu konsumatur jista' jerga lura minn ftehim ta' kreditu minghajr ma jinkorri ebda hlas jew penali, tkun kif tkun din deskritta;

(v) indikazzjoni li l-konsumatur ikollu d-dritt, skond ma hemm provdut fir-regolament 9, ghal tnaqqis kemm-il darba huwa jhallas lura qabel.

## IT-TIENI SKEDA

Regolament 5(1)

**Informazzjoni generali fuq kreditu ghal self ghal dar li trid tinghata lill-konsumatur**

Informazzjoni tal-bidu dwar self ghal dar ghandha tinkludi jew ikollha maghha l-informazzjoni li gejja fl-istess format kif tinghata l-informazzjoni tal-bidu

A – Kreditur:

(i) Identifikazzjoni u indirizz tal-kreditur;

(ii) Meta jkun mehtieg, identifikazzjoni u indirizz ta' l-intermedjarju.

B – Self ghal dar:

(i) Skopijiet li ghalihom is-self ghal dar jista' jintuza;

(ii) Forma ta' garanzija;

(iii) Deskrizzjoni tat-tipi ta' self ghal dar disponibbli b'deskrizzjoni qasira tad-differenzi bejn prodotti li fuqhom hemm rati fissi u rati varjabbli, inkluzi implikazzjonijiet relatati ghall-konsumatur;

(iv) Tipi ta' rati ta' mghax – fissi, varjabbli, u kombinazzjonijiet taghhom;

(v) Indikazzjoni ta' l-ispiza ghall-konsumatur ghal self tipiku ghal dar;

(vi) Lista ta' elementi ta' spejjez relatati, bhalma huma spejjez amministrattivi, spejjez ta' assigurazzjoni, spejjez legali, spejjez ta' intermedjarji;

(vii) L-ghazliet differenti li hemm ghar-rimborz tal-kreditu lill-kreditur, inkluz l-ghadd, il-frekwenza, l-ammont ta' hlas lura (hlasijiet akkont, jekk ikun hemm);

(viii) Jekk ikunx hemm il-possibilità li r-rimborz isir qabel l-iskadenza (jekk dan jistà, jsir, il-kondizzjonijiet li japplikaw);

(ix) Jekk tkunx tehtieg stima tal-proprjetà u, jekk din tkun mehtiega, min ghandu jaghmilha;

(x) Informazzjoni generali fuq helsien mit-taxxa fuq mghaxijiet fuq self ghal dar jew sussidji pubblici ohra li jkun hemm, jew informazzjoni dwar minn fejn tkun tistà tinkiseb aktar informazzjoni;

(xi) It-tul tal-perjodu, jekk ikun hemm, li matulu konsumatur jista' jerga' lura minn ftehim ta' kreditu minghajr ma jinkorri ebda hlas jew penali, tkun kif tkun din deskritta.

## IT-TIELET SKEDA

Regolament 5 (1)

**Informazzjoni li ghandha tigi pprezentata fil-Fuljett ta' Informazzjoni Standardizzat**

Il-kontenut tal-Fuljett tà Informazzjoni Standardizzat hu mnizzel hawn iktar 'l isfel.

FULJETT TA' INFORMAZZJONI STANDARDIZZAT

| **Oggett** | **Deskrizzjoni** |
|---|---|
| *Test fuq quddiem fuqnett* | "Dan id-dokument ma ghandux jitqies bhala offerta li torbot legalment. Ic-cifri huma pprovduti *in bona fede* u huma rappreżentazzjoni preciza ta' l-offerta li l-kreditur kieku jaghmel taht kondizzjonijiet ta' suq korrenti kif ibbazati fuq l-informazzjoni li tkun giet provduta. Ghandu jigi innotat, madankollu, li c-cifri jistghu jitilghu u jinzlu skond il-kondizzjonijiet tas-suq. L-ghoti ta' din l-informazzjoni ma jobbligax lill-kreditur li jaghti kreditu." |
| 1. Kreditur | |
| 2. Deskrizzjoni tal-prodott | Din it-taqsima ghandha taghti deskrizzjoni qasira imma cara tal-prodott. Ghandu jinghad car jekk din hix ipoteka fuq proprjetà jew xi garanzija ohra uzata komunement. Ghandu jintwera car jekk il-prodott offrut hux self ghal dar b'imghax biss (jigifieri li jinvolvi hlas tas-self b'somma wahda f'daqqa fl-ahhar) jew self ghal dar bi hlasijiet akkont (jigifieri li jinvolvi l-hlas ta' mghax u kapital sakemm idum is-self ghad-dar). Ghandu jinghad car jekk il-pattijiet ghas-self ghal dar ikunux jiddependu fuq jekk il-konsumatur ikunx jipprovdi certu ammont ta' kapital (forsi espress bhala percentwali tal-valur tad-dar). Meta l-pattijiet tas-self ghal dar ikunu jiddependu fuq garanzija ta' terza persuna, dan ghandu jinghad car. |
| 3. Rata nominali (indika t-tip ta' rata u t-tul tal-perjodu fiss) | Din it-taqsima ghandha taghti informazzjoni fuq il-kondizzjoni l-aktar importanti tas-self ghal dar – ir-rata ta' mghax. Meta jkun rilevanti, id-deskrizzjoni ghandha tinkludi dettalji fuq kif ir-rata ta' mghax tista' tvarja inkluz, bhala ezempju, perjodi meta tkun riveduta, *lock in periods* u klawsoli dwar penalitajiet relatati, *collars and caps*, ecc. Id-deskrizzjoni ghandha:<br>– tinkludi jekk ir-rata varjabbli tkunx indicjata jew le; u<br>– tipprovdi dettalji ta' l-indicjar, meta dan ikun mehtieg. |
| 4. Rata percentwali annwali ta' spejjez (APRC) ibbazata fuq regolamentazzjoni nazzjonali jew rata effettiva, meta dan ikun rilevanti | Meta cifra nazzjonali ghal APRC ma tkunx imnizzla fil-legislazzjoni, ghandha tintuza r-rata effettiva ekwivalenti. |
| 5. Ammont ta' kreditu avvanzat u munita | |
| 6. Tul ta' ftehim tas-self ghal dar | |

| | |
|---|---|
| 7. Ghadd u frekwenza ta' pagamenti (li jistghu ivarjaw) | |
| 8. Ghal rimborz ta' self ghal dar, ammont ta' kull hlas akkont (jista' jvarja) | |
| 9. Ghal self ghal dar bi mghax biss:<br>- ammont ta' kull hlas regolari ta' mghax;<br>- ammont ta' kull hlas regolari lill-mezz ta' rimborz. | Il-kreditur ghandu jaghti indikazzjoni – reali jew ezempju – ta':<br>(a) l-ammont ta' kull rimborz ta' mghax regolari skond il-frekwenza tal-pagamenti (ara punt 7);<br>(b) l-ammont ta' kull hlas regolari ghall-mezz ta' rimborz, skond il-frekwenza tal-pagamenti (ara punt 7).<br>Meta adatt, ghandha tinghata twissija li l-mezz tar-rimborz jista' ma jkunx ikopri l-ammont missellef. Jekk il-kreditur jipprovdi l-mezz tar-rimborz u jkun inkluda dan f'parti mill-offerta, allura ghandu jkun car jekk l-offerta tkunx marbuta jew le mal-ftehim tal-konsumatur dwar dak il-mezz ta' rimborz. |
| 10. Spejjez mhux rikorrenti addizzjonali, meta dan ikun japplika | Ghandha tinghata lista ta' spejjez mhux rikorrenti tal-bidu li l-konsumatur ikun mistenni li jhallas meta jiehu self ghal dar. Meta dawn l-ispejjez ikunu taht il-kontroll dirett jew indirett tal-kreditur, ghandha tinghata stima ta' l-ispejjez. Meta jkun rilevanti, ghandu jintwera car jekk l-ispiza jkollhiex tithallas irrispettivament mill-ezitu ta' l-applikazzjoni ghal self ghal dar. Dawk l-ispejjez jistghu jinkludu, nghidu ahna: –<br>- spejjez amministrattivi;<br>– drittijiet legali;<br>– stima tal-proprjetà.<br><br>Meta offerta tkun tiddependi fuq jekk il-konsumatur jircevix dawn is-servizzi permezz tal-kreditur, dan ghandu jinghad car. |
| 11. Spejjez rikorrenti addizzjonali (mhux inkluzi fi 8) | Din il-lista ghandha tinkludi, nghidu ahna:<br>– assigurazzjoni kontra mankanza ta' pagamenti (qghad/mewt);<br>– assigurazzjoni kontra l-hruq;<br>– assigurazzjoni tal-bini u l-kontenut.<br><br>Meta offerta tkun tiddependi fuq jekk il-konsumatur jircevix dawn is-servizzi permezz tal-kreditur, dan ghandu jinghad car. |
| 12. Rimborz qabel l-iskadenza | Il-kreditur ghandu jaghti indikazzjoni:<br>– tal-pattijiet ta' rimborz qabel l-iskadenza, jekk ikun hemm; u<br>– ta' l-ispejjez li jkunu japplikaw.<br><br>Meta ma jkunx possibbli li l-ispiza tkun stipulata f'dan l-istadju, ghandha tinghata indikazzjoni li tithallas somma bizzejjed biex taghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-kreditur biex tigi xolta t-transazzjoni. |
| 13. Skemi ta' lmenti interni | Isem, indirizz u numru tat-telefon ta' punt ta' kuntatt |
| 14. Tabella ta' hlas ta' dejn b'mod ta' ezempju | Il-kreditur ghandu jaghti tabella tal-hlas tad-dejn b'mod spjegattiv u fil-qosor u li tkun tinkludi, mill-inqas:<br>– il-pagamenti ta' kull xahar jew ta' kull tliet xhur (jekk ikun il-kaz) ghall-ewwel sena;<br>– u wara tinkludi c-cifri annwali li jkopru t-tul kollu tas-self. |

| | |
|---|---|
| | It-Tabella għandu jkollha ċifri dwar<br>– l-ammont ta’ kapital rimburżat;<br>– l-ammont ta’ mgħax;<br>– il-kapital li jkun għadu dovut;<br>– l-ammont ta’ kull ħlas akkont;<br>– is-somma totali tal-kapital u mgħax<br>Għandu jkun indikat ċar li t-tabella hija b’mod spjegattiv biss u għandu jkun fiha twissija jekk is-self għad-dar propost ikollux rata ta’ mgħax varjabbli. |
| 15.Obbligazzjoni ta’ tqegħid tal-kont tal-bank u salarju mal-kreditur | |

**IR-RABA SKEDA**

Regolament 6 (1)

KALKOLU BAZIKU LI JURI KEMM L-EKWIVALENZA TAS-SELF KEMM IL-HLASIJIET AKKONT TAR-RIMBORZ U SPEJJEZ:

$$\sum_{K=1}^{K=m} \frac{A_K}{(1+i)^{t_K}} = \sum_{K'=1}^{K'=m'} \frac{A'_{K'}}{(1+i)^{t_{K'}}}$$

Fejn:

$K$ In-numru tas-serje tas-self.

$K'$ In-numru tas-serje ta’ hlas akkont ta’ rimborz jew pagament ta’ spejjez

$A_K$ L-ammont ta’ self numru K.

$A'_{K'}$ L-ammont ta’ hlas akkont ta’ rimborz jew pagament ta’ spejjez numru $K'$

$\sum$ Is-simbolu tat-total

$m$ In-numru tas-serje ta’ l-ahhar self.

$m'$ In-numru tas-serje ta’ l-ahhar hlas akkont ta’ rimborz jew pagament ta’ spejjez.

${}^tK$ L-intervall, espress fi snin u frazzjonijiet ta’ sena, bejn id-data ta’ l-ghoti ta’ self numru 1 u d-data ta’ l-ghoti tas-self sussegwenti numri 2 sa $m$.

${}^tK'$ L-intervall, espress fi snin u frazzjonijiet ta’ sena, bejn id-data ta’ l-ghoti ta’ self numru 1 u d-data ta’ pagament ta’ hlas akkont ta’ rimborz jew ta’ spiza numru 1 sa $m'$.

$i$ Ir-rata percentwali annwali ta’ mghax ta’ spejjez li jista’ jkun ikkalkulat (jew bl-algebra, b’approssimazzjonijiet successivi, jew bi programm ta’ kompjuter) meta l-komponenti l-ohra fl-ekwazzjoni ikunu maghrufa mill-ftehim ta’ kreditu jew mod iehor.

**Rimarki**

(a) L-ammonti mhallsa miz-zewg partijiet fi zminijiet differenti ma ghandhomx necessarjament ikunu ugwali u ma ghandhomx necessarjament jithallsu f’intervalli ugwali.

(b) Id-data tal-bidu tkun dik ta’ l-ewwel self.

(c) Intervalli bejn dati uzati fil-kalkoli ghandhom ikunu espressi fi snin jew fi frazzjonijiet ta' sena. Is-sena ghandha titqies li ghandha 365 jum jew 365.25 jum jew (fil-kaz ta' snin bizestili) 366 jum, 52 gimgha jew 12-il xahar ugwali. Xahar ugwali ghandu jitqies li ghandu 30.41666 jum (jigifieri 365/12).

(d) Ir-rizultati ghandhom ikunu espressi b'ezattezza ta' mill-inqas punt decimali wiehed. Meta wiehed jahdem sa xi punt decimali partikolari, ghandha tapplika din ir-regola li gejja:

Jekk il-valur tac-cifra tal-punt decimali li jigi wara dak il-punt decimali partikolari tkun akbar minn 5, jew tkun ugwali ghal 5, ic-cifra ta' dan il-punt decimali partikolari ghandha tizdied b'wiehed.

**IL-HAMES SKEDA**

Regolament 6 (1)

EZEMPJI TA' KALKOLI

A. KALKOLU TAR-RATA PERCENTWALI ANNWALI TA' SPEJJEZ FUQ BAZI TA' SENA KALENDARJA [SENA = 365 JUM (JEW 366 JUM FIL-KAZ TA' SNIN BIZESTILI)].

**L-Ewwel ezempju**

Somma mislufa: S = 1000 Lira fl-1 ta' Jannar 1994.

Is-somma hija mhallsa lura fi hlas akkont wiehed ta' 1200 Lira Maltija fl-1 ta' Lulju, 1995, jigifieri 1 ½ sena jew 546 (= 365 + 181) jum wara d-data tas-self.

L-ekwazzjoni ssir $$1000 = \frac{1200}{(1+i)^{\frac{546}{365}}}$$

jew:

$$(1+i)^{546/365} = 1.2$$
$$1+i = 1.1296204$$
$$i = 0.1296204$$

L-ammont ghandu jinhadem sa l-eqreb 13% (jew 12.96% jekk l-ezattezza ta' zewg punti decimali hija preferuta).

**It-Tieni ezempju**

Is-somma mislufa hija S = 1000 Lira Maltija, izda l-kreditur izomm 50 Lira ghal spejjez amministrattivi. Mela s-self reali huwa ta' 950 Lira.
Il-hlas lura ta' 1200 Lira Maltija, bhal fl-ewwel ezempju, isir fl-1 ta' Lulju, 1995.

L-ekwazzjoni issir $950 = \frac{1200}{(1+i)^{\frac{546}{356}}}$

jew:

$$\begin{aligned} (1+i)^{546/365} &= 1.263157 \\ 1+i &= 1.169026 \\ i &= 0.169026 \end{aligned}$$

L-ammont għandu jinhadem sa l-eqreb 16.9%

**It-Tielet ezempju**

Is-somma mislufa hija S = 1000 Lira Maltija, fl-1 ta' Jannar, 1994, li tithallas lura f'zewg hlasijiet akkont ta' 600 Lira Maltija, li jithallsu wara sena u sentejn rispettivament.

L-ekwazzjoni ssir:

$$1000 = \frac{600}{(1+i)} + \frac{600}{(1+i)^{\frac{730}{365}}} = \frac{600}{1+i} + \frac{600}{(1+i)^2}$$

L-ekwazzjoni tissolva bl-algebra u taghti $i$ = 0.1306623 mahdum sa l-eqreb 13.1% (jew 13.07% jekk l-ezattezza ta' zewg punti decimali hija preferuta).

**Ir-Raba' ezempju**

Is-somma mislufa hi S = 1000 Lira Maltija, fl-1 ta' Jannar, 1994 u l-ammonti mhallsin minn min jissellef huma:

| | |
|---|---|
| Wara 3 xhur (0.25 ta' sena/90 jum): | 272 Lira Maltija |
| Wara 6 xhur (0.5 ta' sena /181 jum): | 272 Lira Maltija |
| Wara 12-il xahar (sena /365 jum): | 544 Lira Maltija |
| **TOTAL** | 1088 Lira Maltija |

B 1024

L-ekwazzjoni ssir:

$$1000 = \frac{272}{(1+i)^{\frac{90}{365}}} + \frac{272}{(1+i)^{\frac{181}{365}}} + \frac{544}{(1+i)^{\frac{365}{365}}}$$

L-ekwazzjoni tippermetti li *i* tkun ikkalkulata b'approssimazzjonijiet successivi, li jistghu jkunu programmati fuq *calculator*.

Ir-rizultat hu i = 0.13226 mahdum sa l-eqreb 13.2% (jew 13.23% jekk l-ezattezza ta' zewg punti decimali hija preferuta).

**B. KALKOLU TAR-RATA PERCENTWALI ANNWALI TA' SPEJJEZ FUQ BAZI TA' SENA *STANDARD* [SENA = 365 JUM (JEW 365. 25 JUM, 52 GIMGHA JEW 12-IL XAHAR UGWALI)].**

**L-Ewwel ezempju**

Somma mislufa S = 1000 Lira Maltija.

Is-somma tithallas lura fi hlas akkont wiehed ta' 1200 Lira Maltija f'sena u nofs (jigifieri 1.5 x 365 = 547.5 jum, 1.5 x 365.25= 547. 875 jum, 1.5 x 366 = 549 jum, 1.5 x 12 =18 -il xahar jew 1.5 x 52 = 78 gimgha) wara d-data tas-self.

L-ekwazzjoni ssir:

$$1000 = \frac{1200}{(1+i)^{\frac{547.5}{365}}} = \frac{1200}{(1+i)^{\frac{547.875}{365.25}}} = \frac{1200}{(1+i)^{\frac{18}{12}}} = \frac{1200}{(1+i)^{\frac{78}{52}}}$$

jew:

$$(1+i)^{1.5} = 1.2$$
$$1+i = 1.129243$$
$$i = 0.129243$$

L-ammont ghandu jinhadem sa l-eqreb 12.9% (jew 12.92% jekk l-ezattezza ta' zewg punti decimali hija preferuta).

**It-Tieni ezempju**

Is-somma mislufa hi S = 1000 Lira Maltija, izda l-kreditur izomm 50 Lira Maltija ghal spejjez amministrattivi. Ghalhekk is-self reali hu ta' 950 Lira Maltija. Il-hlas lura ta' 1200 Lira Maltija, bhal fl-ewwel ezempju, isir sena u nofs wara d-data tas-self.

L-ekwazzjoni issir:

$$950 = \frac{1200}{(1+i)^{\frac{547.5}{365}}} = \frac{1200}{(1+i)^{\frac{547.875}{365.25}}} = \frac{1200}{(1+i)^{\frac{18}{12}}} = \frac{1200}{(1+i)^{\frac{78}{52}}}$$

jew:

$$\begin{aligned}(1+i)^{1.5} &= 1200/950 = 1.263157\\ 1+i &= 1.168526\\ i &= 0.168526\end{aligned}$$

L-ammont ghandu jinhadem sa ľeqreb 16.9% (jew 16.85% jekk ľezattezza ta' zewg punti decimali hija preferuta).

**It-Tielet ezempju**

Is-somma mislufa hi S = 1000 Lira Maltija u tithallas lura f'zewg hlasijiet akkont ta' 600 Lira Maltija li jithallsu wara sena u sentejn, rispettivament.

L-ekwazzjoni ssir:

$$1000 = \frac{600}{(1+i)^{\frac{365}{365}}} + \frac{600}{(1+i)^{\frac{730}{365}}} = \frac{600}{(1+i)^{\frac{365.25}{365.25}}} + \frac{600}{(1+i)^{\frac{730.5}{365.25}}}$$

$$= \frac{600}{(1+i)^{\frac{12}{12}}} + \frac{600}{(1+i)^{\frac{24}{12}}} = \frac{600}{(1+i)^{\frac{52}{52}}} + \frac{600}{(1+i)^{\frac{104}{52}}}$$

$$= \frac{600}{(1+i)^{1}} + \frac{600}{(1+i)^{2}}$$

L-ekwazzjoni tissolva bl-algebra u tipproduci $i = 0.13066$ mahdum sa l-eqreb 13.1% (jew 13.07% jekk l-ezattezza ta' zewg punti decimali hija preferuta).

**Ir-Raba' ezempju**

Is-somma mislufa hi S = 1000 Lira u l-ammonti mhallsin mill-kreditur huma:

| | |
|---|---|
| Wara 3 xhur<br>(0.25 ta' sena/13 -il gimgha/91.25 jum/91.3125 jum). | 272 Lira Maltija |
| Wara 6 xhur<br>(0.5 ta' sena /26 gimgha /182.5 jum/182.625 jum). | 272 Lira Maltija |
| Wara 12-il xahar<br>(sena /52 gimgha /365 jum/365.25 jum). | 544 Lira Maltija |
| **TOTAL** | 1088 Lira Maltija |

L-ekwazzjoni ssir:

$$1000 = \frac{272}{(1+i)^{\frac{91.25}{365}}} + \frac{272}{(1+i)^{\frac{182.5}{365}}} + \frac{544}{(1+i)^{\frac{365}{365}}}$$

$$= \frac{272}{(1+i)^{\frac{91.3125}{365.25}}} + \frac{272}{(1+i)^{\frac{182.625}{365.25}}} + \frac{544}{(1+i)^{\frac{365.25}{365.25}}}$$

$$= \frac{272}{(1+i)^{\frac{3}{12}}} + \frac{272}{(1+i)^{\frac{6}{12}}} + \frac{544}{(1+i)^{\frac{12}{12}}}$$

$$= \frac{272}{(1+i)^{\frac{13}{52}}} + \frac{272}{(1+i)^{\frac{26}{52}}} + \frac{544}{(1+i)^{\frac{52}{52}}}$$

$$= \frac{272}{(1+i)^{0.25}} + \frac{272}{(1+i)^{0.5}} + \frac{544}{(1+i)^{1}}$$

L-ekwazzjoni tippermetti li $i$ tkun ikkalkulata b'approssimazzjonijiet successivi li jistghu jkunu programmati fuq *calculator*.

Ir-rizultat hu $i$ =0.13185 mahdum sa l-eqreb 13.2% (jew 13.19% jekk l-ezattezza ta' zewg punti decimali hija preferuta).